MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali – Il-Gudja

# IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 21/8

Il-Hamis 24 ta' Marzu 2020

Il-Kunsill Lokali tal-Gudja ltaqa' fl-ufficcju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 88, Triq Raymond Caruana, il-Gudja fl-4.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Dr. Marija Sara Vella – Sindku
John Mary Calleja – Vici Sindku
Stefan Caruana – Kunsillier
Mark Anthony Sammut - Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Maria Micallef - Kunsilliera

ASSENTI

Nil

UFFIĊJALI PREŻENTI:

Lara Mascena - Segretarju Eżekuttiv

AĠENDA

021.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

021.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti (19/8 [20/02/20]);

021.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

021.4 Approvazzjoni tar-Rapport ta` Evalwazzjoni:
*Tender: GLC-01-2019 Upkeep and Maintenance of Parks, Gardens and Soft Areas in an Environmentally Friendly Manner – Gudja Local Council.*
*Tender: GLC-03-2019 Cleaning and Upkeep of Public Convenience in the locality of Gudja, in an Environmentally Friendly Manner.*
*Tender: GLC-02-2019 Street Sweeping Services in the locality of Gudja, using low emission service vehicle.*

021.5 Ħruġ ta` Tenders:
*GLC/01/2020: Service Tender for the Collection of Household Waste from the locality of Gudja using low emission service vehicle.*

021.6 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

021.7 Rapporti;

021.8 Temi oħra tal-Kunsill Lokali;
  a. Triq iż-Żebbuġa – progress
  b. Triq J. Pace, Triq id-Dejqa u Triq Sta Katarina - progress
  c. Miżura 4.3 – Triq tal-Lampat, Triq Victor Pasmore u l-area Ta' Loreto - progress
  d. Ġnien Raymond Caruana – progress
  e. Ġnien Ġlormu Cassar – progress

021.9 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;

021.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

---

# Minuti

## Tmexxija u ftuħ tal-laqgħa

Is-Sindku Dr Marija Sara Vella ppresidiet il-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fl-erbgha u nofs ta` filgħaxija (4.30pm) wara talba qasira minn dawk kollha preżenti.

**021.1. Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

Is-Sindku nfurmat lil dawk preżenti li kien hemm ittra ta` apologija minghand is-Sinjorina Maria Micallef tigi skuzata. L-apologija giet milqugha minn dawk prezenti.

**021.2. Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti (19/8 [24/02/20])**

021.2.1 Dawn il-minuti ġew iċċirkulati qabel il-laqgħa tal-Kunsill u ġew meħuda bħala moqrija.

Il-Kunsill b'vot unanimu approva dawn il-minuti nru 019/8 nem con.

**021.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

021.3.1 Is-Sindku ghamlet referenza ghax-xoghlijiet li saru bil-konkos fi Triq ta` Loretu, fejn dan ix-xoghol sar minn IM taht id-direttiva tal-Kunsill ta` Hal-Ghaxaq. Is-Sindku kompliet tghid li dan ix-xoghol ma sarx sew u wara diskussjoni li saret bejn iz-zewg partijiet, gie suggeriet li l-konkos jitranga u l-Kunsill tal-Gudja jaghzel triq ohra minflok din li saret mill-Kunsill ta` Hal Ghaxaq u dan ghal fatt li din it-triq kienet taghmel parti mill-progett li taqa` taht il-mizura 4.3. Il-Kunsillier SCaruana suggeriexa sabiex il-Kunsill johrog stqarrija fejn jghid li din it-triq ma saritx minn naha tal-Kunsill Lokali tal-Gudja. Is-Sur Caruana zied jghid li din il-parti li saret bil-konkos ghandha tinghata tarmac u dwar dan is-Sindku qalet li ser tkellem lis-Sur Caruana mill-IM. Is-Sindku ssuggeriet li minflok Triq ta` Loretu ssir Triq Habel Wati. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk prezenti.

021.3.2 Is-Sindku nfurmat lil dawk prezenti li ser jinbdew ix-xoghlijiet fi Triq Vjal it-Torri, liema xoghlijiet ser isiru minn IM.

021.3.3 Is-Sindku nfurmat lil dawk prezenti li l-speeding bump ta` Triq il-Kbira kienet inqalghet u twehhle fi Triq San Ciru mill-haddiema tal-Kunsill. Gie ssugerriet li titnehha wahda mill-lakstu u dan sabiex l-ilma tax-xita jkun jista` jghaddi sew. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk prezenti.

021.3.4 Dr. Marija Sara Vella ghamlet referenza ghall-laqgha ta` konsultazzjoni li saret fil-gimghat li ghaddew minhabba sitwazzjoni ta` Triq il-Kbira. Matul din il-laqgha gie suggeriet li titwessa wahda mill-bankini u jsiru l-bollards filwaqt li fin-naha l-ohra ssir kurduna tal-bankina biss. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk prezenti. Dwar Wesgha Anglu Dalli gie ssugeriet li jsiru road markings godda u fejn il-Kunsillier SCaruana suggeriexa sabiex jsiru xi parking spaces ukoll. Dwar dan is-Sindku talber sabiex tintbghat korrispondenza lill-TM. Il-Kunsillier SCaruana talab ukill sabiex fil-korrispondenza li ser tintbghat lill-TM ssir referenza ghal road markings li saru fi Triq il-Lewz biex jigu riveduti sew.

021.3.5 Is-Sindku nfurmat lil dawk prezenti li l-prezz tal-Virtual Reality rega rohoss ghal l-prezz originali u ssuggerriet li dan ghandu jigi ordnat. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk prezenti.

021.3.6 Is-Sindku prezentat il-kwotazzjonijiet li ntlabu sabiex il-Kunsill jixtri water dispenser ghall-ufficju. Is-Sindku suggeriet sabiex il-Kunsill jaghzel l-irhas offerta ta` Eco Pure. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk prezenti.

021.3.7 Is-Sindku ghamlet referenza ghall-kwotazzjonijiet li ngabru ghall-installazzjoni ta` cctv cameras fil-lokalita. Is-Sindku nfurmat lil dawk prezenti li l-irhas offerta kienet tal-kumpanija ISPY Projects u ghalhekk il-Kunsill idecieda li dawn il-cameras jigu nstallati f`dawn il-postijiet; mall-binja tal-Kunsill, fejn l-iskips ta` Triq Bir Miftuh, fejn l-iskips tal-iskola Primarja tal-Gvern, fejn skips tal-

iskola tas-Sorijiet, fejn skips ta` Vjal it-Torri, fejn l-iskips fi Triq il-Palazz, fi Gnien Raymond Caruana u Gnien il-Qari.

021.3.8 Is-Sindku propniet sabiex tinxtara acrylic protective screen ghal mejda tal-front office u dan sabiex jigu protetti l-haddiema klerikali tal-Kunsill minhabba din is-sitwazzjoni tal-COVID-19. Is-Sindku ziedet tghid li din ser tigi tiswa €145 excl VAT. Dawk prezenti qablu li din ghandha tinxtara.

021.3.9 Is-Sindku proponiet sabiex jinxtara laptop gdid sabiex jkun jista jintuza mill-haddiema klerikali tal-Kunsill mid-dar minhabba din is-sitwazzjoni li ninsabu fiha. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk prezenti. Is-Sindku talber sabiex jingiebu l-kwotazzjonijiet.

021.3.10 Gie prezentat il-kuntratti li ser jigi ffirmat mall-kumpanija Wastserv. Is-Sindku ssugerriet l dan ghandu jigi ffirmat. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk prezenti.

021.3.11 Is-Sindku nfurmat lil dawk prezenti li l-kumpanija LBV Ltd talbet sabiex tigi mghotija lura l-garanzija bankarja relatata max-xoghlijiet infrastrutturali li kellhom isiru fi Triq iz-Zebbuga. Wara li l-Kunsill talab parir mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali fejn gwida lill-Kunsill sabiex dan jista` jirilaxxa din il-garanzija jekk il-kuntratt qatt ma gie ffirmat.Is-Sindku nfurmat lil dawk prezenti li kuntratt qatt ma gie ffirmat u ghalhekk il-Kunsill jista` jirlaxxa din il-garanzija bankarja. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk prezenti.

021.3.12 Is-Sindku ghamlet referenza ghal sigra li tinsab fi Triq il-Palazz li qeghda fil-cables ta` dawl. Is-Sindku kompliet tghid li l-Kunsill gab il-kwotazzjonijiet ghal dan ix-xoghol ta` zbir. Dwar dan il-Vici Sindku JM Calleja ssugerriexa sabiex il-Kunsill jiccekja jekk din is-sigra hijiex go xi projeta ta` nies qabel ma jsir ix-xoghol mehtieg. Dawk prezenti qablu li qabel ma jsir ix-xoghol jigi ccekjajt dan.

,

Il-Kunsillier SCaruana talab sabiex jigi skuzat mill-laqgha. Din it-talba giet approvata minn dawk prezenti.

**021.4 Approvazzjoni tar-Rapport ta` Evalwazzjoni:**

021.4.1 *Tender: GLC-01-2019 Upkeep and Maintenance of Parks, Gardens and Soft Areas in an Environmentally Friendly Manner – Gudja Local Council.*

Is-Sindku nfurmat lil dawk prezenti li wara li saret l-evalwazzjoni tal-offerti ghal dan is-servizz, il-bord ta` evalwazzjoni propona li l-irhas offerta kienet tas-Sur Alistiar Bezzina ghal prezz ta` €9,500 exl VAT p.a. Is-Sindku proponiet li dan is-servizz ghandu jinghata lis-Sur Bezzina. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk prezenti.

0214.2 *Tender: GLC-03-2019 Cleaning and Upkeep of Public Convenience in the locality of Gudja, in an Environmentally Friendly Manner.*

Is-Sindku nfurmat lil dawk prezneti li wara li saret l-evalwazzjoni tal-offeri ghal dan is-servizz, il-bord ta` evalwazzjoni propona li l-unika offerta li kien hemm kienet aktar mill-budget li kellu l-Kunsill, fejn dan aceda 36%. Ghalhekk is-Sindku suggeriet li din is-sejha ma tigiex accettata u terga` tinahreg sejha ohra mil-gdid. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk prezenti.

021.4.3 *Tender: GLC-02-2019 Street Sweeping Services in the locality of Gudja, using low emission service vehicle.*

Is-Sindku nfurmat lil dawk prezenti li wara li saret l-evalwazzjoni tal-offerti ghal dan is-servizz, il-bord ta` evalwazzjoni propona lill-kumpanija WM Environmental Ltd peress li kienet l-irhas u l-ahjar offerta ghas-servizz li qed joffri. Is-servizz ha jinghata €18,826.08 excl VAT p.a. Is-Sindku proponiet sabiex il-Kunsill jistaqsi mall-Kunsilli l-ohra dwar is-servizz li qed jinghata minn dan il-kuntrattur fil-lokalita taghhom qabel ma tigi awarded din is-sejha. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

**021.5** **Ħruġ ta` Tenders:**

*GLC/01/2020: Service Tender for the Collection of Household Waste from the locality of Gudja using low emission service vehicle*

021.5.1 Is-Sindku proponiet li l-hinijiet ta` gbar tal-iskart domestiku jibqa` kif inhu fil-prezent minhabba ragunijiet differenti. Ghalhekk talbet sabiex din sejha ghall-offerto tohrog fuq is-sistema tal-EPPS. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk prezenti.

021.6 **Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

021.6.1 Il-Kunsillier MA Sammut ghamel referenza ghall-fondi ewropej sabiex jigu rrangati hitan tas-sejjieh.Dawn il-fondi jlahhqu massimu ta` 150,000 fejn 80% minnhom ser jigu koperti mill-fondi u 20% l-ohra jridu jinhargu mill-fondi tal-Kunsill. Is-Sur Sammut zied jghid li l-applikazzjoni jalqghu fl-ahhar ta` April 2020 u li sa 6 t`April il-Kunsill jrid jghaddi l-BOQ`s u s-siti t` fejn il-Kunsill jixtieq jirranga lill-MEUSAC. Is-Sindku talbet sabiex l-Kunsill jibghat lill-perti tal-Kunsill dwar is-siti proposti fosthom; Triq Hal Safi, Triq Bir Miftuh u Dawret il-Gudja. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk prezenti.

**Rapporti**

021.7.1 Ma kienx hemm rapport.

021.8 **Temi oħra tal-Kunsill Lokali;**

a. **Triq iż-Żebbuġa – progress**

Ma kien hemm diskussjoni

**b. Triq J. Pace, Triq id-Dejqa u Triq Sta Katarina – progress**

Ma kienx hemm diskussjoni

**c. Miżura 4.3 – Triq tal-Lampat, Triq Victor Pasmore u l-area Ta' Loreto – progress**

Dan gie diskuss fil-komunikazzjoni tas-Sindku

**c. Ġnien Raymond Caruana – progress**

Ma kienx hemmx diksussjoni

**d. Ġnien Ġlormu Cassar – progress**

Ma kienx hemm diskussjoni

021.9

**Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

Il-lista ta' pagamenti nru 09/8 kif ippreżentata ġiet ipproponuta mis-Sindku Dr. Marija Sara Vella u ssekondata mill-Vici Sindu JM Calleja għall-ammont totali ta' €14,293.97 u ġiet approvata nem con.

021.10 **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Il-Laqgha ntemmet fis-sitta neqsin ghoxrin ta` filghaxija. Is-Sindku aġġornat l-laqgħa għal nhar it-Tlieta 7 ta` April 2020 fl-4.30pm fuq aġenda li tiġi ċċirkulata għand il-Kunsilliera kollha qabel il-laqgħa.

Konfermati, illum 7 ta` April 2020

Dr. Marija Sara Vella
Sindku

Lara Mascena
Segretarju Eżekuttiv